**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Nru.: 121/2023 RM**

**Prof. Simon Mercieca**

**-Vs-**

**Mark Camilleri**

**Illum, 24 ta' April 2025**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat minn Prof. Simon Mercieca fir-Reġistru tal-Qorti fil-15 t' Mejju 2023 fejn talab lill-Qorti:-

(1) tiddikjara illi l-konvenut bħala awtur tal-artikolu jew 'post' intitolat 'The disinformation campaign of Yorgen Fenech' ippubblikat fuq is-sit elettroniku http://www.markcamilleri.org, kopja ta' liema qegħda tiġi hawn annessa u immarkata bhala 'Dokument SM', huwa immalafama lill-attur u dan bi ksur u ai termini tad-dispożizzjonijiet tal-Kap 579 tal-Liġijiet ta' Malta;

(2) tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur dik is-somma li tiġi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti, f'ammont illi jeċċedix il-ħdax-il elf sitt mija u erbgħin Euro (€11,640) ai termini ta' l-artikolu 9 tal-Kap 579 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez u bl-imgħaxijiet legali kontra l-konvenut. L-istess konvenut huwa minn issa inġunt in subizzjoni.

Rat illi minkejja li l-konvenut ġie notifikat bir-Rikors promotur u l-avviż tas-smigħ tal-kawża fl-20 ta' Mejju 2023 baqa' ma deherx fid-data tal-ewwel smigħ tal-kawza u ma ppreżentax Risposta;

Rat l-Affidavit tal-attur ippreżentat bil-ġurament tiegħu fl-24 ta' Lulju 2023[1];

Semgħet ix-xhieda tal-attur fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2024;

Rat illi fil-11 ta' Jannar 2024 l-attur iddikjara li ma kellux iktar provi xi jressaq u l-kawża ġiet imħollija għall-provi tal-konvenut u okkorrendo għat-trattazzjoni finali;

Rat illi fis-seduta tat-22 ta' Frar 2024 intlaqgħet it-talba magħmula mill-abbli avukat tal-konvenut talab li jingħata żmien biex jippreżenta Risposta billi l-konvenut bi ħsiebu jikkontesta l-kawża, u l-kawża ġiet differita sabiex jekk ikun il-kaz l-attur iressaq xi provi li jista' għad jonqos in vista tar-Risposta;

Rat ir-Risposta ppreżentat mill-konvenut fir-Reġistru fil-11 ta' Marzu 2024 fejn eċċepixxa:-

"*Illi t-talbiet tal-attur għandhom jiġu miċħuda billi:*

1. *Illi fl-ewwel lok, l-istqarrija tal-esponenti m'hijiex waħda diffammatorja in kwantu ma hix waħda li tikkawża jew li tista' tikkawża ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur;*
2. *Illi fit-tien lok u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, il-pubblikazzjoni de quo hija dikjarazzjoni ta' opinjoni onesta u/jew bażi tal-opinjoni tal-esponenti dwar*

[1] Dan l-istess Affidavit ġie pprezentat ukoll permezz ta' nota fid-29 ta' Awwissu 2023.

*materja ta' interess pubbliku li kienet mibnija fuq numru ta' fatti u ċirkostanzi magħrufa minnu;*

3. *Illi fit-tielet lok, u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, il pubblikazzjoni tammonta għall-fair comment;*
4. *Illi fir-raba' lok u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, id-dikjarazzjoni tal-esponenti hija pubblikazzjoni dwar materja ta' interess pubbliku;*

*B'riżerva li jitressqu eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż.*

Rat illi fis-seduta tat-8 ta' April 2024 l-attur iddikjara li ma għandux iktar provi xi jressaq anke wara li ħa konjizzjoni tar-Risposta tal-konvenut;

Rat l-Affidavit tal-konvenut;

Semgħet ix-xhieda kollha;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha akkwiżiti fl-atti proċesswali;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentat għall-attur fis-7 ta' Jannar 2025 kif awtorizzat;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tal-konvenut ippreżentat fil-11 ta' April 2025, kif awtorizzat;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza in difett ta' ostakolu;

Rat illi ma hemm ebda impediment għall-prolazzjoni tas-sentenza llum.

Ikkunsidrat;

Din hija azzjoni għal malafama taħt l-Att dwar il-Midja u l-Malafama, Kapitolu 579 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-attur ħassu aggravat bil-pubblikazzjoni magħmula mill-konvenut Mark Camilleri fit-13 ta' Mejju 2023 fuq is-sit elettroniku http://www.markcamilleri.org, ta' artikolu intestat '*The disinformation campaign of Yorgen Fenech*'. L-attur jikkontendi illi l-asserzjoni fl-artikolu li huwa jippubblika l-informazzjoni li jirċeivi mingħand Patricia Fenech, omm Yorgen Fenech, dwar l-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia u jirċievi wkoll flus mingħandha, hija falza. Ukoll, u b'mod speċifiku, jikkontendi li s-segwenti stqarrijiet huma diffamatorji fir-rigward tiegħu:

"*Simon Mercieca is a loser working for the Mafia and I don't like giving him attention to increase his popularity, but people ought to know who he is and why he is acting this way. And the reason why I mention him is because he is dangerous as just another servant of an organised criminal group.*"

Il-Qorti m'hijiex sejra tqis għall-fini ta' din l-azzjoni għal malafama, il-pubblikazzjoni tal-konvenut bid-data 15 ta' Lulju 2023 fuq Twitter (Dok. SM1) fejn irrifera għall-attur bħala "*the criminal associate and university professor*" u irrifera għall-*blog* tal-istess attur bħala '*pro-Mafia blog*', għaliex din il-pubblikazzjoni ma ġietx impunjata bħala malafamanti fir-Rikors promotur u konsegwentement m'hijiex fil-mira tal-azzjoni odjerna[2].

Mill-fatti li joħorġu mill-atti u mill-provi jirriżulta li l-attur Prof. Simon Mercieca, li huwa Professur fid-Dipartiment tal-Istorja ġewwa l-Universita' ta' Malta, jippubblika *blog* fuq is-sit elettroniku https://simonmercieca.com bl-isem '*Simon Mercieca's FREEPRESS – Where your opinion counts*'. Fuq dan il-blog l-attur kien jippubblika

[2] Kemm hu hekk, din ġiet ippubblikata fil-mori tal-proċediment odjern.

diversi artikoli bit-tema tal-qtil ta' Daphne Caruana Galizia u l-proċess kriminali kontra Yorgen Fenech, akkużat b'kompliċita' fil-qtil.

**L-attur, Prof. Simon Mercieca**, xehed illi huwa kien waqqaf il-*blog* tiegħu primarjament biex jikkummenta dwar dak li jkun qed jingħad fil-midja kemm soċjali kif ukoll dik ġornalistika, u dan għall-użu fl-istudji demografiċi tiegħu u t-tagħlim tal-istorja demografika Maltija fejn xi drabi jagħmel riferenza għal processi ġudizzjarji biex jifhem l-influwenza li l-proċess ikollu fuq is-soċjeta' u ġie li wkoll jibgħat lill-istudenti tiegħu jfittxu fil-proċessi ġudizzjarji. Madankollu ma kienx għamel ebda studji dwar l-effetti li process tal-każ ta' Yorgen Fenech kellhom mil-lat demografiku u sostna illi x-xogħol akkademiku tiegħu jinżamm totalment separat u m għandux x'jaqsam mal-*blog* u ma jużx ir-riżorsi tal-Universita' għall-fini tal-*blog*. Sostna li fil-*blog* tiegħu ma jikkummentax biss fuq il-proċess ta' Yorgen Fenech iżda fuq proċessi oħrajn ukoll iżda ħa interess fil-każ ta' Yorgen Fenech anke għaliex ra li kien hemm affarijiet li qed jingħadu fix-xhieda li ma kienux qed jagħmlu sens u kien irċieva wkoll ittra anonima b'informazzjoni relatata mal-każ li iktar kompliet iżżid l-interess tiegħu fil-każ. Jaqbel illi kien jikteb b'mod estensiv fuq il-*blog* tiegħu in konnessjoni mal-każ ta' Yorgen Fenech u jaqbel ukoll li fil-kitbiet tiegħu huwa jargumenta illi Yorgen Fenech mhux ħati tal-qtil ta' Daphne Caruana Galizia u li kien ġie '*framed*'.

Stqarr li ma jirċievix rimunerazzjoni mill-*blog* ħlief xi kontribuzzjonijiet żgħar minn xi qarrejja li kienu jkopru xi spejjeż u b'mod ġenerali, il-*blog* jeħodlu biss xi siegħa jew sagħtejn kuljum.

Jammetti wkoll li kien hu li kien avviċina lil Patricia Fenech u innega li hi qatt offrietlu xi pagment biex jikteb dwar il-każ ta' binha u ċaħad ukoll li qatt irċieva xi rigali, offerti jew privileġġi ħlief li meta kienet ġiet mistiedna għandhom fil-Milied għall-ħabta tal-2020 jew 2021 kienet ġabitlu hamper, u darb'oħra kieet stiednitu għandha d-dar flimkien ma' familtu. F'dak iż-żmien kien diġa' beda jikteb fuq il-kumpilazzjoni kontra Yorgen Fenech iżda stqarr illi fl-ewwel okkażjoni kienu ddiskutew il-każ ta' Yorgen Fenech mil-lat tat-trattament ħażin li kien ġarrab meta

arrestawh, iżda Patricia Fenech ma kienetx qaltlu li tkellmet ma' xi kumpanniji tal-midja u offriet li tħallashom biex jippubblikaw l-artikoli li xtaqet hi. Għalkemm irringrazzjatu talli qed jikteb fuq il-każ hu kien qalilha li huwa jikteb dwar il-każ min rajh u kienu tkellmu qatt ma ndaħitlu dwar x'jitkeb u x'għandu jitkeb. Il-komunikazzjoni bejniethom kienet issir permezz ta' Facebook messenger u mhux bi-telefonati u kien ippubblika fuq il-*blog* tiegħu l-ittra li Patricia Fenech kienet bagħtitlu biex jippubblikha, tramite messenger u ma kienx iltaqa' magħha jew kellimha biex jiddiskutu l-pubblikazzjoni tal-ittra tagħha.

**Patricia Camilleri**, fix-xhieda tagħha quddiem il-Qorti, ikkonfermat b'mod ġenerali il-verżjoni tal-attur dwar kif bdiet il-komunikazzjoni bejniethom u l-laqgħat li kellhom u stqarret li qabel kienet saret tafu u saru ħbieb, kienet diġa' taf li l-attur kien qed jikteb "*kultant xi ħaġa fuq it-tifel*" u kienet taqra dak kollu li jiġi pubblikat dwaru. Kienet tieħu pjaċir taqra l-*blog* tal-attur għaliex il-kitbiet tiegħu ta' sikwit kienu jkunu jidhru li kienu favur binha, bil-kontra tal-maġġoranza ta' dak li kien qed jinkiteb dak iż-żmien fil-midja. Xehdet illi fl-okkażjonijiet meta kienu ltaqgħu fiżikament ma kienux tkellmu ħafna fuq il-każ ta' binha minħabba li kull darba l-attur kellu t-tfal tiegħu preżenti u ma tantx kienet tgħinu biex jikteb l-artikoli, iżda ġie li bagħtitlu fuq messenger biex tfaħħar xi artikolu li tkun qrat fuq il-*blog* tiegħu.

Ċaħdet madanakollu li kienet tgħaddilu xi informazzjoni u sostniet li ma kienux jiddiskutu fil-fond l-artikoli li l-attur kien qed jikteb dwar il-każ ta' binha iżda kkonfermat li darba minnhom kienet talbitu, ukoll permezz ta' messenger, biex jippubblika ittra fuq il-*blog* tiegħu iżda lil hinn dan qatt ma għamlet xejn biex tgħin ir-reputazzjoni ta' binha Yorgen minkejja li qabel kien ġie arrestat kienet riedet tmur għand persuni fil-midja biex tirribatti għajdut li kienu qed jiġu pubblikati dwar l-istess binha. Patricia Fenech innegat ukoll li qatt kellha xi diskussjonijiet ma' persuni fil-midja dwar il-każ ta' binha iżda kienet tiltaqa' mal-avukati tiegħu. Wara l-2021 ma baqgħetx taqra l-*blog* tal-attur u ilha ma tarah minn dak iż-żmien 'l hawn għalkemm baqgħu ħbieb u kienet informatu meta rċeviet it-taħrika biex tixhed f'din il-kawża.

**Min-naħa tiegħu, il-konvenut, Mark Camilleri**, isostni fix-xhieda tiegħu li l-attur huwa l-uniku akkademiku li jikteb pubblikament favur Yorgen Fenech, l-allegat mandant tal-qtil ta' Daphne Caruana Galizia, u jaqbeż għalih.  Jagħmel dan billi jippropoga t-teorija li Yorgen Fenech mhux ħati tal-qtil billi jitfa' t-tort għall-qtil fuq terzi persuni u jiskredita l-familja ta' Daphne Caruana Galizia.  Sostna illi huwa jaf li l-attur dejjem kiteb dwar temi demografiċi u reliġjużi b'rabta mal-istorja ta' Malta iżda meta f'daqqa waħda għall-ħabta tal-2020 ra li l-attur beda jippubblika ħafna materjal fuq il-każ tal-qtil ta' Daphne Caruana Galizia – tema legali li m'huwiex espert fiha - tant illi kien evidenti li l-*blog* tiegħu kien qed jintuża primarjament biex jiġu pubblikati artkikoli li jaqbżu għall-persuna akkużata b'kompliċita f'dan il-qtil bħala l-mandant u jimplikaw li huwa innoċenti, huwa beda jissuspetta li beda jagħmel dan għaliex inxtara minn Yorgen Fenech billi ġie mħallas minn ommu, Patricia Fenech.  In sostenn ta' din il-fehma, il-konvenut għamel riferenza għal stqarrija mibgħuta lill-attur minn Patricia Fenech fejn kitbet għad-difiża ta' binha, liema stqarrija ġiet ippubblikata mill-attur *verbatim* fuq il-*blog* tiegħu (Dok. MC3).

Il-konvenut isostni wkoll li għandu sors li kkonfermalu li Yorgen Fenech qed jixtri n-nies biex jaqbżu għalih u sostna wkoll li anke Saviour Balzan ġie mħallas minn Yorgen Fenech biex iservi ta' propangandist tiegħu.  Il-konvenut sostna illi ġew pubblikati mill-attur fuq il-*blog* tiegħu minn tal-inqas mija u sittin (160) artikolu li b'mod jew ieħor jagħtu appoġġ lil Yorgen Fenech u jqis li dawn fil-kumpless tagħhom jikkostitwixxu kampanja ta' diżinformazzjoni favur Yorgen Fenech

Il-konvenut fix-xhieda tiegħu sostna wkoll illi huwa sar jaf illi l-attur qed jitħallas minn organizzazzjoni kriminali għaliex sar jaf minn sors li ma jistax jikxef l-identita' tiegħu, li Yorgen Fenech stess kien qal li qed iħallas lin-nies u lill-ġurnalisti biex jiktbu fuqu u kien semma l-attur Simon Mercieca b'ismu. Sostna wkoll illi fis-sena 2020 saru diversi laqgħat f'Portomaso mill-avukati ta' Yorgen Fenech u Patricia Fenech ma' diversi nies inkluż ġornalisti biex jiġi organizzat kampanja ta' appoġġ favur Yorgen Fenech fil-midja u sorsi kienu qalulu li kienu raw il-karozza ta' Simon Mercieca ġewwa Portomaso fiż-żmien li saru wħud minn dawn il-laqgħat.  Xehed illi

jaf ukoll illi Saviour Balzan ġie mħallas minn Yorgen Fenech li kien ipprova jħallas ukoll lil Ivan Martin u sostna wkoll illi l-messaġġi skambjati bejn Patricia Fenech u Yorgen Fenech qabel ġie arrestat, fl-2019, juru b'mod ċar illi kienet qed tgħin lil binha biex tfittex u tagħmel pressjoni fuq il-ġornalisti biex jiktbu favur tiegħu.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputazzjonijiet li inevitabbilment jitnisslu mingħajr wisq sforz minn qari tas-siltiet impunjati fl-isfond tal-intier tal-pubblikazzjoni tal-konvenut, huma tnejn:-

1. Illi l-attur Prof. Simon Mercieca, akkademiku li jgħallem fid-Dipartiment ta-Istorja fl-Universita' ta' Malta, jiriċievi ħlas mingħand Yorgen Fenech jew xi ħadd għan-nom tiegħu (inkluż ommu), biex jippubblika kitbiet b'narrattiva li hija favorevoli għad-difiża tal-istess Yorgen Fenech[3].
2. Il-pubblikazzjonijiet tal-attur fuq il-*blog* tiegħu jikkostitwixxu u jifformaw parti minn kampanja ta' diżinformazzjoni dwar il-qtil ta' Daphne Caruana Galizia bil-għan li jiġu mminati l-akkużi kriminali kontra Yorgen Fenech; u
3. Din il-kampanja ta' dizinformazzjoni bi ħlas mingħand Yorgen Fenech jew xi ħadd għan-nom tiegħu ifisser li l-attur qed iservi l-interessi tal-kriminalita' organizzata u jifforma parti minn organizzazzjoni kriminali, il-Mafia.

Illi biex l-azzjoni għal malafama tirnexxi, il-persuna aggravata għandha qabel xejn tipprova illi l-imputazzjonijiet imnissla mill-istqarrijiet impunjati, huma diffamatorji fir-rigward tagħha. Il-Qorti trid għalhekk tgħaddi biex tistabbilixxi jekk xi waħda mill-imputazzjonijiet speċifikatament impunjati mill-attur, humiex diffamatorji.

Skont l-artikolu 3(4) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama, stqarrijiet m'humiex diffamatorji sakemm ma jikkawżawx ħsara serja jew ikunu jistgħu jikkawżaw ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna jew persuni speċifiċi li jagħmlu t-talba. Għalkemm

[3] Huwa fatt notorju fid-demanju pubbliku li Yorgen Fenech qed jiġi akkużat fi proċeduri kriminali bl-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia, liema proċeduri għadhom pendenti.

il-ligi ma teħtieġx prova ta' ħsara attwali lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata b'riżultat tal-pubblikazzjoni impunjata, il-prova tar-rekwiżit ta' ħsara serja jew potenzjal ta' ħsara serja hi fondamentali għall-azzjonabbilita' tal-malafama u hija meħtieġa b'mod speċifiku bil-għan li jitkompla jissaħħaħ u jiġi mħares il-jedd tal-liberta' tal-espressjoni u jiġi rikonoxxut l-importanza suprema ta' dan il-jedd.

Il-Qorti tħoss li għandha tippuntwalizza li l-azzjoni għal malafama hija l-istrument legali għad-difiża tar-reputazzjoni li tipprovdi rimedju f'danni għall-ħsara lir-reputazzjoni. L-istħarriġ ġudizzjarju li għandu jsir f'azzjoni bħal din huwa preordinat għad-determinazzjoni dwar jekk l-istqarrija impunjata fihiex imputazzjoni diffamatorja li kkaġunat jew fihiex il-propensita' li tikkawża ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata u fl-affermattiv, il-likwidazzjoni tad-danni, u xejn iktar minn hekk. Ukoll, l-azzjoni m'hijiex intiża biex jiġu korreġuti stqarrijiet li jkunu foloz jew mhux fattwalment korretti jew akkurati, u m'huwiex kompitu tal-Qorti f'azzjoni għal malafama li tiddeċiedi jekk dak li jkun kiteb il-pubblikatur huwiex korrett, jekk kellux jinkludi materjal addizzjonali jew jekk kellux jiġi mitkub bl-użu ta' kliem differenti minn dawk attwalment użati fid-dikjarazzjoni impunjata[4]. Għandu jingħad ukoll li l-fatt li l-persuna aggravata tkun ħassitha offiża b'xi stqarrija li ġiet ippubblikata m'huwiex rilevanti għas-suċċess tal-azzjoni għal malafama, jekk dik l-istqarrija ma ssarrafx ukoll fi ħsara serja lir-reputazzjoni, fejn ir-reputazzjoni titkejjel skont l-istima li għandhom persuni oħrajn lejn il-persuna aggravata, u mhux skont dak li taħseb dwarha nnifisha l-istess persuna aggravata.

Filwaqt li, kif inhu risaput, teżisti presunzjoni tal-falzita' ta' stqarrijiet li jiġu impunjati bħala malafamanti, għandu jiġi ppreċiżat li mhux kull stqarrija li hija falza hija wkoll neċessarjament diffamatorja għaliex l-Att dwar il-Midja u l-Malafama, fl-artikolu 3(4), biex stqarrija titqies bħala diffamatorja irid jiġi ppruvat mill-persuna aggravata u li tkun għamlet l-azzjoni għal malafama, illi din ikkaġunat jew għandha l-potenzjal li tikkaġuna, ħsara serja lir-reputazzjoni tagħha.

---

[4] F'kull każ "*It is no part of the court's function to penalise a defendant for sloppy journalism – still less for tastelessness of style*" : **Turcu v News Group Newspapers Ltd** [2005 EWHC 799 (QB) [105] and [111] per Eady J.

Illi bl-introduzzjoni tal-kriterju ta' ħsara serja (u telf finanzjarju serju fil-każ ta' korp li jopera għal profitt) għall-prova tad-diffamazzjoni, **jeħtieġ li jiġi ppruvat mhux biss in-natura diffamatorja tal-kliem jew stqarrijiet pubblikati, iżda wkoll l-impatt negattiv ikkaġunat b'effett tal-pubblikazzjoni, jew il-potenzjalita' ta' impatt bħal dak**. Għalhekk, mhux biżżejjed li l-karattru diffamatorju tal-istqarrija impunjata jiġi stabbilit biss b'referenza għat-tifsira tal-kliem u t-tendenza inerenti tagħhom li jagħmlu ħsara lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata. Illum, għas-suċċess tal-azzjoni jeħtieġ addizzjonalment li l-persuna aggravata jiddemostra bħala fatt, anke permezz ta' inferenza ta' fatt, illi l-ħsara kkawżata mill-pubblikazzjoni kienet serja jew hi potenzjalment serja[5].

Skont Duncan and Neil, 'On Defamation', "*there is, therefore, a two-stage process to determine whether a publication is 'defamatory' of a claimant. ... This involves ascertaining what meaning(s) the statement conveys and whether, in that meaning (or meanings), it has a defamatory tendency. A claim may fail at this stage. Secondly, it is necessary to determine whether publication of the statement has caused or is likely to cause, serious harm to the claimant's reputation. ...* "[6]

Għalhekk, il-Qorti trid tgħaddi biex tistabbilixxi jekk il-kriterju ta' ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur hijiex sodisfatta bil-prova li l-imputazzjonijiet imnissla mill-istqarrija, fihomx tifsira inerentement diffamatorja, u fl-affermattiv, jekk il-pubblikazzjoni kellhiex impatt jew tendenza ta' ħsara serja fuq ir-reputazzjoni.

Ikkunsidrat;

[5] *Ibid*. para. 21 tad-deċiżjoni.
[6] Page 34 4.08. Iżidu jgħidu li fost il-fatturi illi huma rilevanti għall-kwistjoni jekk il-ħsara (attwali jew probabbli) ikkawżata bil-pubblikazzjoni hija fil-fatt serja, insibu l-firxa u l-istatus tal-pubblikazzjoni u n-natura tal-udjenza, il-pożizzjoni tal-persuna aggravata, ir-rejazzjoni ta' dawk li lilhom l-istqarrija ġiet ippubblikata u kull effett attwali li din kellha fuq il-persuna aggravata. *Ibid*. para. 4.13, page 35/36.

Il-Qorti tibda biex tgħid li hi ma taqbilx illi l-imputazzjoni li l-attur ġie mħallas minn Yorgen Fenech jew xi ħadd għan-nom tiegħu (inkluż ommu), biex jippubblika artikoli fuq il-*blog* tiegħu biex jgħin il-każ ta' Yorgen Fenech, hija fiha nnifisha malafamanti. L-imputazzjoni waħedha li xi ħadd ikun irċieva xi xorta ta' rimunerazzjoni biex jikteb għad-difiża ta' terza persuna fuq pjattaforma pubblika fuq il-midja soċjali, bil-għan li jimmina l-prosekuzzjoni kriminali kontra dik il-persuna, m'hijiex waħda li għandha tifsira inerentement diffamatorja għaliex mingħajr iktar, ma tfissirx li l-kontenut tal-pubblikazzjoni huwa falz jew qarrieqi. Lanqas il-fatt illi l-awtur tal-produzzjoni ta' materjal għall-pubblikazzjoni ikun ġie rimunerat mill-persuna li għandha interess fil-pubblikazzjoni tal-materjal, ma jfisser neċessarjament li l-kontenut huwa falz u l-pubblikazzjoni relattiva jikkostitwixxi diżinformazzjoni.

Anke jekk mill-kumpless tal-provi proċesswali, senjatament il-fatt ippruvat tal-frekwenza u intensita' tal-pubblikazzjoni mill-attur ta' artikoli li jiddefendu l-pożizzjoni ta' Yorgen Fenech b'rabta mal-akkuzi dwr il-qtil ta' Daphne Caruana Galizia, u wkoll il-fatt illi l-attur beda jiltaqa' ma' omm l-istess Yorgen Fenech fl-istess żmien meta fetaħ il-*blog* tiegħu fl-2020 u beda jippubblika dawn l-artikoli, wieħed jista' raġjonevolment jasal biex jesprimi l-fehma illi l-attur kien qed jirċievi xi xejra ta' rimunerazzjoni jew kumpens għall-ħin estensiv li kien qed jiddedika għal dawk il-kitbiet favorevoli għal Yorgen Fenech, il-Qorti ma tidentifikax f'din l-imputazzjoni *the sting of the libel* għaliex effettivament ma hemm xejn illegali jew immorali fil-pubblikazzjoni ta' artikoli kontra ħlas, wisq inqas f'każ fejn ir-rimunerazzjoni tkun ġiet mitluba jew offruta minħabba l-impenn ta' ħin u enerġija li jkun meħtieġ għall-produzzjoni tax-xogħol għall-pubblikazzjonijiet u għar-riċerika li tkun involuta.

Waħedha u fiha nnifisha l-allegazzjoni li l-attur irċieva ħlas mingħand Patricia Fenech jew xi ħaddieħor, biex jippropaga l-innoċenza ta' Yorgen Fenech u t-teorija tiegħu li ġie "*framed*" b'rabta mal-akkuża tal-omiċidju ta' Daphen Caruana Galizia, ma fiha ebda implikazzjonijiet ta' aġir kriminali jew nuqqas ta' integrita' anke għaliex, wara kollox, l-attur m'huwiex ġornalist iżda persuna li għażlet li tagħmel kampanja

pubblika favur Yorgen Fenech, u ma ġiex ippruvat li l-attur kien prekluż mill-kuntratt tal-impieg tiegħu li jagħmel xogħol ieħor bi ħlas. Huwa evidenti f'kull każ li kien hemm ċertu ammont ta' ħin u enerġija li neċessarjament ġie dedikat mill-attur biex seta' jikteb u jippubblika l-volum ta' artikoli li ntwera li ġew ippubblikati biex jiddefendi lil Yorgen Fenech in konnessjoni mal-każ tal-qtil ta' Daphne Caruana Galizia.

Iżda fuq kollox, l-attur innifsu jeskudi li l-allegazzjoni, kellha xi hija malafamanti: fix-xhieda tiegħu iddikjara hekk:

"*Il-konvenut jgħid li jien irċevejt il-flus mingħand Patricia Fenech. Din l-allegazzjoni mhijiex minnha. Pero' kieku waqaf hemm jien ma kontx ser nibda kawż t' libel kontrih avolja tali allegazzjoni hija inveritiera u ta' ħsara għalija.*"

L-attur baqa' ma fissirx b'liema mod l-allegazzjoni waħedha li Patricia Fenech ikkumpensatu b'xi mod biex jikteb favur binha fil-każ tal-omiċidju, meta huwa stess saħaq li huwa konvint bl-innoċenza ta' Yorgen Fenech u li beda jikteb dwar il-każ għaliex jemmen li kien ġie "*framed*", għandha tifsira malafamanti u hija ta' ħsara għalih.

Il-konvenut ma llimitax ruħu biex jallega li l-attur jiġi mħallas minn omm Yorgen Fenech biex jippubblika materjal li jkun ta' għajnuna għad-difiża tiegħu fil-proċeduri pendenti, iżda jallega wkoll bla tlaqliq li l-attur jiġi mħallas biex jippubblika diżinformazzjoni u falsitajiet intiżi b'mod speċifiku biex iqarrqu bil-pubbliku. F'dan is-sens, l-ewwel żewġ imputazzjonijiet huma intriniskalment konnessi ma' xulxin.

Huwa ġeneralment aċċettat fil-ġurisprudenza in materja illi imputazzjoni li l-persuna aggravata kien jew seta' kien possibbilment involut f'attivita` illeċita jew att kriminali jew, fi kliem Collins[7], imputazzjoni li minħabba f'xi kondotta partikolari, il-persuna aggravata huwa "*dishonest or a fraud, a hypocrite, dishonourable, immoral, or*

---

[7] 6.10 p. 117.

*actuated by some improper motive, insolvent or unwilling to pay debts or incompetent or otherwise unfit for some role.*"[8], huma meqjusa bħala imputazzjonijiet li għandhom tifsira diffamatorja.

Kif taraha l-Qorti, imqiegħda fl-isfond tal-fattispeċje tal-każ in diżamina u tal-pubblikazzjoni tal-konvenut fl-intier tagħha, fejn jingħad li l-attur, persuna akkademika bit-titolu ta' professur, impjegat fid-Dipartiment tal-Istorja fl-Universita' ta' Malta, jiġi mħallas biex ixerred diżinformazzjoni, l-imputazzjoni fiha tifsira manifestament malafamanti għaliex l-implikazzjoni m'hijiex sempliċement li l-attur irċieva rimunerazzjoni għall-pubblikazzjoni ta' materjal intiż biex jiddefendi lil Yorgen Fenech kontra l-akkużi kriminali dwar l-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia, iżda ġie mħallas biex ixerred deliberatament u strateġikament, informazzjoni falza maħsuba biex tiżvija u timmanipola l-opinjoni pubblika u b'hekk jikkawża ħsara pubblika.

Din hija imputazzjoni ta' aġir illeċitu u diżonest li bla dubju tikkostitwixxi wkoll attakk fuq l-etika u l-karattru morali, kif ukoll tiskredita l-integrita' u l-kompetenza akkademika, tal-attur. L-attur, bħala professsur tal-Istorja, huwa obbligu tiegħu jgħallem il-fatti u għalhekk, kull imputazzjoni li minflok jagħmel xogħolu u jgħallem il-fatti, l-attur qed ixerred fuq pjattaforma pubblika, falsitajiet dwar dak li jista' faċilment jitqies bħala l-iktar omiċidju notorju fl-istorja ta' pajjiżna, li heżżeż is-soċjeta' Maltija u finalment wassal għar-riżenzja ta' Prim Ministru u iktar minn hekk, qiegħed jitħallas biex jimmanipola l-opinjoni pubblika, ma tistax ħlief titfisser bħala imputazzjoni b'tifsira inerentement diffamatorja.

Iżda, wara li rat l-atti u l-provi, il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax illi l-attur m'huwiex qed jimpunja bħala malafamanti l-imputazzjoni illi l-kitbiet tiegħu fuq il-*blog* jikkostitwixxu '*a disinformation campaign which favours Yorgen Fenech*' u li huwa

[8] Fil-kaz celebri **Sim v. Stretch** - 1936, 2 All England Law Reports, 1237 (House of Lords, per Lord Atkin) - gie ritenut illi sabiex jigi stabbilit jekk l-istqarrija impunjata twassalx imputazzojni li hi diffamatorja, irid jigi affermat illi "*the words tend to lower the plaintiff in the estimation of right-thinking members of society generally*".

'*one of the disinformation informants of Yorgen Fenech*'. Għalkemm l-attur, b'riferenza għax-xhieda ta' Mark Camilleri[9] jisħaq illi mhux minnu li kien waqqaf il-*blog* tiegħu biex jikteb b'mod speċifiku fuq Yorgen Fenech u dwar il-każ dwar il-qtil tal-ġornalista Daphne Caruana Galizia, u sostna li jikteb artikoli dwar diversi materji differenti, ma jiċħadx li l-kitbiet li jippubblika fuq il-*blog* tiegħu huma maħsuba biex jimminaw il-każ kriminali kontra l-istess Yorgen Fenech: kemm hu hemm jistqarr illi huwa jemmen li Yorgen Fenech huwa innoċenti u li l-każ kontrih ġie fabbrikat. Iktar minn hekk, fl-ebda waqt ma xehed li ħassu aggravat bl-allegazzjoni fil-pubblikazzjoni tal-konvenut, illi l-kitbiet tiegħu jifformaw parti minn kampanja ta' diżinformazzjoni li jaqdi l-interessi ta' Yorgen Fenech bħala persuna akkużata b'kompliċita' fl-omiċidju.

Kemm hu hekk, l-attur xehed *in extenso* biex ifisser ir-relazzjoni li għandu u l-iskop tal-laqgħat li kien ikollu, ma' Patricia Fenech, u biex jiċħad l-allegazzjoni tal-konvenut li huwa jirċievi xi informazzjoni jew xi xorta ta' ħlas mingħandha in konnessjoni mal-kitbiet tiegħu dwar il-każ ta' binha. Iżda l-attur ma qal xejn biex jipprova jiġġustifika l-kontenut tal-pubblikazzjonijiet tiegħu u t-teoriji li ġew propagati fihom biex jiġu mminati l-akkużi kontra Yorgen Fenech b'rabta mal-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia u l-proċeduri kriminali relattivi biex jiskolpah b'rabta mal-qtil. Fil-fatt, l-attur ma jiċħadx li huwa jikteb favur Yorgen Fenech fil-*blog* tiegħu u ma jinnegax lanqas illi wieħed mit-temi li ttratta f'dan il-*blog*, b'mod prominenti, huwa l-possibli rwol tal-mażuni jew tal-familja stess fil-qtil ta' Daphne Caruana Galizia.

Dan ma jfissirx li l-attur jaqbel li l-informazzjoni li jwassal permezz tal-*blog* tiegħu hija falza u li jxerridha deliberatament biex jiżvija lill-qarrejja tiegħu jew l-opinjoni pubblika b'xi teoriji qarrieqa dwar l-innoċenza ta' Yorgen Fenech. Ifisser biss li għal xi raġuni, l-attur ma ħassx li din l-imputazzjoni hija diffamatorja u tikkaġuna ħsara serja lir-reputazzjoni tiegħu.

[9] Xhieda ta' Mark Camilleri in kontro-eżami, 2 ta' Diċembru 2024, fejn saħaq li qabel beda jikteb dwar il-proċeduri kriminali kontra Yorgen Fenech hu ma kienx jikteb fuq temi ta' kriminalita' u ġustizzja kontemporanji.

Għaldaqstant, il-Qorti ma tqisx li ġie ppruvat kif imiss u b'mod sodisfaċjenti li l-imputazzjoni li l-attur irċieva ħlas mingħand Patricia Fenech jew mingħand xi ħaddieħor għan-nom ta' Yorgen Fenech biex jippubblika artikoli b'kontenut li jiskredita l-akkużi kontrih dwar l-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia u jitfa' l-ħtija fuq ħaddieħor, hija waħda ta' natura diffamatorja, filwaqt li kif rajna qabel, l-attur ma jimpunjax bħala malafamanti l-imputazzjoni li huwa '*Yorgen Fenech's disinformant*' u l-imputazzjoni li bil-pubblikazzjoni ta' dawk l-artikoli fuq il-*blog* tiegħu, qiegħed ixerred diżinformazzjoni biex jimmanipola l-opinjoni pubblika favur l-istess Yorgen Fenech.

Fil-fatt, kif jirriżulta minn qari bir-reqqa tal-Affidavit tiegħu u s-sottomissjonijiet finali li saru għan-nom tiegħu, l-attur qiegħed jimpunja bħala diffamatorja biss l-imputazzjoni li huwa ġie mħallas minn Patricia Fenech jew xi ħaddieħor għan-nom ta' Yorgen Fenech sabiex jippubblika kitbiet li jippromwovu t-teorija li m'huwiex ħati tal-omiċidju, u l-imputazzjoni li qiegħed jaqdi organizzazzjoni kriminali u jaħdem mal-Mafia.

Ikkunsidrat;

Illi fil-fehma tal-Qorti, l-imputazzjoni li permezz tal-kampanja ta' diżinformazzjoni imwettaq mill-attur bi ħlas mingħand Yorgen Fenech jew xi ħadd għan-nom tiegħu, l-attur qiegħed iservi l-interessi tal-kriminalita' organizzata u għandu jitqies li jifforma parti minn organizzazzjoni kriminali, il-Mafia, din għandha tifsira inerentement u manifestament diffamatorja għal raġunijiet ovvji.

Hawnhekk, l-attur għandu raġun meta fin-nota ta' sottomissjonijiet ġie argomentat li ma hemm xejn metaforiku fl-imputazzjoni għaliex evidentement, il-konvenut mhux biss jinsinwa li l-attur qed jiżvija lill-qarrejja tiegħu jemmnu li Yorgen Fenech m'huwiex ħati tal-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia meta jippropoga teoriji biex jiskolpah, inkluż it-teorija dwar l-involviment ta' terzi persuni fil-qtil tagħha –

asserzjoni li mhux kontestata mill-attur – iżda jistqarr bla tlaqliq li l-attur qed jippropoga l-interessi ta' kriminalita' organizzata u jifforma parti mill-Mafia.

Inoltre, minn qari oggettiv u komplut tal-pubblikazzjoni impunjata huwa wkoll ovvju illi l-istqarrijiet tal-konvenut ma jnisslux imputazzjoni ta' sempliċi suspett li l-attur jaħdem għall-Mafia u huwa parti minn organizzazzjoni kriminali: l-imputazzjoni m'hijiex imfassla f'termini ta' suspett jew probabbilita' iżda hija imputazzjoni speċifika li ma tħalli ebda lok għal xi dubju dwar jekk l-attur jifformax jew le parti mill-Mafia jew xi organizzazzjoni kriminuża.

Stabbilit għalhekk it-tifsira diffamatorju tal-imputazzjonijiet in diżamina, jonqos li jiġi mistħarreġ jekk it-tieni kriterju għall-prova tad-diffamazzjoni, ċioe' l-prova ta' xi fatt li jiddemostra jew tnissel inferenza ta' impatt ta' ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur.

Skont Gatley:-

"*Whether the threshold of serious has been met is a multifactorial question, that ... will require the court to consider matters such as the nature and the inherent gravity of the allegation, whether the publication was oral or written,* ***the status and the number of publishees*** *and whether the allegations were believed,* ***the status of the publisher and whether this makes it more likely that the allegation will be believed*** *and the transience of the publication.*"[10] (enfasi tal-Qorti)

L-attur fix-xhieda tiegħu jisħaq illi l-*blog* tal-konvenut https://www.markcamilleri.org għandu firxa wiesa' ta' pubblikazzjoni u bażi estensiva ta' qarrejja, anke għaliex jingħata ħafna *exposure* mill-midja tal-Partit Nazzjonalista, il-midja tal-Knisja kif ukoll ġurnali bħala Times of Malta. Huwa minnu illi l-attur ma sostanzjax din l-asserzjoni bi prova fattwali, u lanqas ġieb prova tal-ammont ta' persuni li qraw l-artikolu impunjat jew kemm persuni jidħlu fis-sit elettroniku tal-konvenut fuq bażi regolari, u jirriżulta wkoll li minn eżami tal-kopja tal-stampata tal-pubblikazzjoni

[10] Gatley, *ibid.* 2.4, pg. 39.

esebita fl-atti proċesswali (‘SM’[11]) jirriżulta li żewġ persuni biss tellgħu kumment taħt l-artikolu. Dan ifisser illi fil-każ in diżamina, ma hemmx prova konkreta illi l-artikolu impunjat wasal għand numru sostanzjali ta’ qarrejja.

Iżda, għalkemm pubblikazzjoni ristretta jista’ jitfisser bħala indikazzjoni li ma setax kien hemm impatt ta’ ħsara serja lir-reputazzjoni, huwa risaput illi l-prova tal-ħsara serja lir-reputazzjoni tista’ tintlaħaq anke jekk il-malafama ġiet ippubblikata lil numru żgħir ta’ qarrejja jew udjenza limitata, jekk jintwera li d-diffamazzjoni hi dwar imputazzjoni ta’ natura gravi li hi kapaċi tikkaġuna ħsara serja, hekk per eżempju fejn il-pubblikazzjoni hi kapaċi jkollha riperkussjonijiet fuq il-professjoni jew l-impieg attwali jew prospettiv tal-persuna aggravata[12]. Ukoll, il-kwalita’ tal-persuna jew persuni li lilhom ġiet ippubblikata l-malafama wkoll hija relevanti biex jiġi stabbilit jekk, għad illi l-malafama ġiet ippubblikata lil numru żgħir ta’ persuni jew lil persuna waħda biss, jekk il-kriterju tal-ħsara serja lir-reputazzjoni ġiex sodisfatt. Fil-każ **Haji Ioannu v. Mark Dixon et.**, ċitat minn Gatley[13], il-fatt li l-pubblikazzjoni tal-allegazzjoni saret lil persuna waħda biss, ġie meqjus bħala immaterjali għall-fini tal-prova tal-ħsara serja lir-reputazzjoni għaliex ġie kkunsidrat illi l-allegazzjoni ta’ diżonesta` fil-konfront tal-persuna aggravata kienet waħda partikolarment serja, il-persuna li lilha ġiet ippubblikata kienet ġornalista u l-ħsieb kien li l-allegazzjoni tiġi pubblikata lil terzi persuni u konsegwentement, il-pubblikazzjoni kienet kapaċi li titwemmen.

Fir-rigward, il-Gatley jgħid:-

“*It is not difficult to conceive of claims for slanders or libels with limited circulation which would cause the claimant great embarrassment or distress or which might blight his financial prospects*.”[14]

---

[11] Paġni 2 u 3 tal-atti tal-kawża.
[12] Dan il-punt ġie diskuss fid-deċiżjoni **Howe & Co. v. Burden** (2004), EWHC 196 (QB).
[13] *Supra*: 2.4 p. 39 [EWHC, 2009 178 QC].
[14] Gatley: *supra* - 6.2 p. 191. Inoltre, fil-kaz **Crossland v Wilkinson Hardware Stores Ltd** (2005, EWHC 481 (QB) p.57) gie ritenut: “*The fact that a libel or slander has been communicated only*

Duncan and Neil (On Defamation) jiċċitaw id-deċiżjoni fil-każ **Al Amoudi v. Brisard**, fejn il-High Court (EWHC) ċaħdet l-argoment illi l-fatt waħdu illi l-materjal impunjat tqiegħed fuq *website* li huwa aċċessibbli b'mod ġenerali, inissel presunzjoni *juris tantum* illi l-materjal ikun ġie pubblikat lil numru sostanzjali ta' persuni. Iżda jikkummentaw ukoll illi:

"*... an inference that publication has occurred may also arise in the case of some websites, depending, for example, on how well-established they are, and the nature of the material they carry.*"

F'din il-vena, il-Qorti tosserva illi l-artikolu impunjat – bl-imputazzjoni ta' natura gravament diffamatorja - ġie pubblikat fuq sit elettroniku bl-isem 'Mark Camilleri' li jidher li huwa sit li minnu jinbiegħu wkoll pubblikazzjonijiet b'temi ta' arti u kultura u storja Maltija, fejn il-konvenut jiddeskrivi lilu nnifsu fuq l-istess sit elettroniku, bħala "*Best-selling author, historian, guerilla publisher and ex-government executive*". Dan ifisser illi l-konvenut *ex admissis* għandu *status* ta' pubblikatur u dan, kif rajna, inissel inferenza ta' pubblikazzjoni wiesa'. Barra minn hekk u f'kull każ, huwa fatt magħruf illi Mark Camilleri huwa ġornalist u m'huwiex persuna kwalunkwi li jippubblika *posts* fuq pjattaforma tal-midja soċjali.

Barra minn hekk, l-attur saħaq illi, b'mod ġenerali – mhux speċifikament minħabba l-artikolu impunjat f'din il-kawża - bdiet issir ħafna pressjoni mill-Għaqda Repubblika biex jitkeċċa minn dan l-impieg akkademiku tiegħu minħabba l-artikoli li kien qed jippubblika fuq Yorgen Fenech. Xehed illi għalkemm ma kienx tkeċċa u baqa' jaħdem fl-impieg tiegħu fuq bażi *full-time* mal-Universita' ta' Malta u għalhekk, ma kienx sofra danni finanzjarji, b'konsegwenza tal-pubblikazzjoni tal-artikolu impunjat f'din il-kawża huwa kien ġie mwarrab fis-settur akkademiku minħabba l-propaganda

---

*to a very few publishees within an organisation does not of itself give any indication of what is at stake."*

negattiva li beda jirċievi, inkluż iżda mhux limitatment minħabba l-pubblikazzjonijiet tal-konvenut Mark Camilleri.

Il-Qorti rat il-kumment li ġie pubblikat minn Vicki Ann Cremona – li skont l-attur hija wkoll professur kollega tiegħu fl-Universita' ta' Malta - fir-rigward il-pubblikazzjoni tal-konvenut, fejn iddikjarat:-

"*Please do not equate Simon Mercieca with the University in general. There are quite a few of us there trying our best to fight for truth and justice, and I should hope they stand as a counter-example to his bad attempt at media manipulation. This said you are so right to draw attention to the ploys of alleged mastermind murderer Yorgen Fenech* ***and his covetous mercenaries***." (enfasi tal-Qorti)

Dan ma jistax ħlief jitnissel inferenza li l-pubblikazzjoni impunjata għandha l-potenzjal ta' impatt ta' ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur - minn tal-inqas mil-lat professjonali - għaliex l-allegazzjonjiet tal-konvenut dwar il-kampanja mwettqa mill-attur biex ifixkel il-fatti, ġew mistmerrija minn ħadd ħlief professur kollega tiegħu li evidentement abbażi t'hekk, iddeskrivietu bħala wieħed mill-"*covetous mercenaries*" ta' Yorgen Fenech.

Ikkunsidrat;

Stabbilita n-natura diffamatorja tal-imputazzjoni, sija mil-lat tat-tifsira inerenti tal-imputazzjoni u kif ukoll mil-lat tal-impatt jew il-potenzjal tal-impatt ta' ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata, il-Qorti trid tgħaddi biex tistħarreġ l-eċċezzjonijiet imqanqla mill-konvenut biex jilqa' għall-azzjoni.

Il-konvenut qanqal fl-ewwel lok id-difiża tal-pubblikazzjoni dwar materja ta' interess pubbliku kif maħsub fl-artikolu 5 tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama. Dan jiddisponi hekk:-

*1) Hija difiża għal azzjoni ta' malafama li l-konvenut juri li –*

*(a) id-dikjarazzjoni li dwarha sar l-ilment kienet, jew kienet tifforma parti minn, dikjarazzjoni ta' materja ta' interess pubbliku; u*

*(b) il-konvenut raġonevolment emmen li l-pubblikazzjoni ta' dik l-istqarrija li sar l-ilment dwarha kienet ta' interess pubbliku.*

Għas-suċċess ta' din id-difiża, il-konvenut irid qabel xejn jissodisfa r-rekwiżit li l-pubblikazzjoni, *in toto* jew in parti, trid tkun dwar materja ta' interess pubbliku. L-Att ma jipprovdix definizzjoni jew linji gwida dwar it-tifsira tal-kunċett ta' interess pubbliku, u dan sewwasew biex il-kwistjoni tiġi deċiża mill-qorti skont il-każ li jkun. Fil-fehma ta' din il-Qorti, iżda, l-oqsma tal-amministrazzjoni tal-gvern, kondotta politika u involviment f'reati serji, ilkoll għandhom jitqiesu b'mod ġenerali li huma materji ta' interess pubbliku, għaliex huma materji:-

"*... 'such as to affect people at large, that they may be legitimately interested in, or concerned at, what is going on; or what may happen to them or to others*."[15]

Ukoll, jitqies li huwa ta' interess pubbliku materja li tikkonċerna:

"*... the conduct of any person that inherently, expressly or inferentially invited public criticism or discussion.*"[16]

F'*Reynolds*, Lord Nicholls irrimarka illi "*the court should be slow to conclude that a publication was not in the public interest and, therefore, the public had no right to*

---

[15] Collins, *supra*, 9.86, p. 213.

[16] **John Fairfax Publications Pty Ltd. V. Hitchcock** (2007) NSWCA 364 70 NSWLR 484 para. 143. Gatley jelenka serje ta' materji oħrajn li skont diversi deċiżjonijiet tal-qrati in tema tal-kunċett tal-interess pubbliku, ġew meqjusa bħala ta' interess pubbliku:- *"... the business of government and political conduct; ... the fair and proper administration of justice; ... the conduct of the police; cheating, corruption ... involvement in serious crimes; corporate malpractice; ..."*

*know, especially when the information is in the field of politicial discussion. Any lingering doubts should be resolved in favour of publication*"[17].

Kif rajna, il-konvenut jikkritika lill-attur minħabba dak li huwa jiddeskrivi bħala l-kampanja ta' diżinformazzjoni li qed ixerred fuq il-*blog* tiegħu permezz ta' pubblikazzjonijiet li jippropagaw teoriji intiżi biex jiżvijaw lill-qarrejja biex jemmnu li Yorgen Fenech m'huwiex ħati tal-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia. Omiċidju xokkanti u brutali li l-Qorti ma tkunx qiegħda tazzarda wisq tgħid illi probabbilment il-vittma ġiet assassinata għal motivi marbutin max-xogħol ġornalistiku investigattiv tagħha. Il-Qorti tqis li l-qtil ta' ġornalist, *multo magis* meta l-qtil huwa possibbilment marbut ma' xogħolu, jikkostitwixxi attakk manifest fuq il-liberta' tal-espressjoni u għalhekk, ir-rapportaġġ dwar kull materja konnessa ma' qtil bħal dak, ma jistax jitqies bħala xejn inqas minn pubblikazzjoni dwar materja ta' interess pubbliku kif ukoll pubblikazzjoni li saret fl-interess pubbliku.

Il-ġornalist li jirċievi informazzjoni li tikkonċerna materji ta' interess pubbliku għandu dmir li, wara li jagħmel il-verifiki opportuni biex jassigura li din hi miksuba minn sorsi affidabbli u jkollha bażi fattwali soda, iwassalha lill-pubbliku b'mod imparzjali, akkurat, oġġettiv u sħiħ. Il-pubbliku għandu dritt korrispondenti kif ukoll interess leġittimu li jirċievi tagħrif u jkun imwissi dwar dak li possibbilment jista' jkun diżinformazzjoni, iktar u iktar meta din id-diżinformazzjoni tolqot il-materja ta' omiċidju ta' ġornalista.

**Minn dan kollu wieħed jista' jislet leġittimament il-konklużjoni li l-pubblikazzjoni tal-konvenut, impunjata f'din il-kawża, safejn tirrapporta b'mod ġenerali dwar dak li l-konvenut dehrlu li huwa kampanja ta' diżinformazzjoni in konnessjoni mal-qtil ta' Daphne Caruana Galizia, tista' titqies bħala waħda li tirrientra fil-parametri ta' materja ta' interess pubbliku.**

---

[17] P. 205 tas-sentenza.

Għalkemm mhux meħtieġ illi kull silta fil-pubblikazzjoni tiġi ġustifikata bħala materja ta' interess pubbliku - għaliex l-istorja trid tittieħed b'mod sħiħ biex jiġi determinat jekk ġietx ippubblikata dwar materja ta' interess pubbliku - għandu jiġi senjalat ukoll li jista' jkun il-każ fejn għalkemm minn perspettiva wiesa', is-soġġett in materja fil-pubblikazzjoni jitqies li huwa ta' interess pubbliku ġenerali, mhux l-istess jgħodd għall-istqarrija speċifika taħt skrutinju, bir-riżultat li d-difiża taħt l-Artikolu 5 tal-Att ma ssibx riskontru in kwantu l-kontenut **kollu** tal-pubblikazzjoni.

Fil-każ in diżamina, il-Qorti ma tistax taqbel li hija fl-interess pubbliku l-pubblikazzjoni tal-istqarrija tal-konvenut – impunjata speċifikatament f'din il-kawża - li l-attur, Prof. Simon Mercieca, iservi l-interessi tal-Mafia u jifforma parti minn organizzazzjoni kriminali. Din hija allegazzjoni gravi ferm li ma tagħmel assolutament xejn biex tikkontribwixxi għall-element tal-interess pubbliku fil-pubblikazzjoni, ċioe' l-materja ġenerali ta' diżinformazzjoni b'rabta mal-qtil ta' Daphne Caruana Galizia. Għall-kuntrarju, fil-fehma tal-Qorti, il-pubblikazzjoni tal-fehma tal-konvenut dwar rabtiet kriminużi u mafjużi li jista' jkollu l-attur, ma tistax titqies bħala materja ta' interess pubbliku.

Il-House of Lords fid-deċiżjoni fil-każ **Flood v Times Newspapers Limited** (2012), riteniet hekk:-

"*although the question of whether the story as a whole as a matter of public interest must be determined by the court, the question of whether defamatory details should have been included is often a matter of how the story should have been presentend. On that issue, allowance should be made for editorial judgement*".[18]

Fil-fatt, it-tieni rekwiżit li jeħtieġ li jiġi sodisfatt biex ir-rapportaġġ dwar materja ta' interess pubbliku jingħata l-protezzjoni tal-liġi, huwa li l-pubblikatur raġonevolment

[18] Per Lord Dyson – Gatley 15.7 ("*Inclusion of the material complained of*") p. 647

emmen li l-pubblikazzjoni ta' dik l-istqarrija li sar l-ilment dwarha kienet ta' interess pubbliku - kriterju li inerentement jeskludi l-eżistenza tal-malizzja jew malafede[19].

Jingħad ukoll li għall-fini tal-eżerċizzju fejn għandu jiġi determinat jekk ir-rapportaġġ taħt skrutinju huwiex konformi mal-kriterji ta' ġornaliżmu responsabbli, il-ġornalisti għandhom igawdu minn kejl wiesa' ta' diskrezzjoni u apprezzament professjonali u l-qrati għandhom jevitaw li jissostitwixxu l-fehmiet tagħhom dwar liema tekniċi tar-rapportaġġ kellhom jiġu addottati fil-każ speċifiku. Madankollu, l-allegazzjoni tal-konvenut dwar l-involviment tal-attur f'organizzazzjoni kriminali, filwaqt li hija waħda ferm serja u ta' ħsara għar-reputazzjoni tal-attur, akkademiku li jgħallem l-istorja fl-Universita' ta' Malta, ma jidhrix li huwa marbut ma' xi investigazzjoni serja fl-egħmil tal-attur u r-rabtiet tiegħu ma' persuni kriminali.

Fir-rigward, ġie ritenut[20]: "*it will not be, or is unlikely to be, in the public interest to publish material which has not been the subject of responsible journalistic inquiry and consideration*".

Ma hemm xejn lanqas x'jindika li kien hemm xi urġenza għall-pubblikazzjoni ta' dik l-allegazzjoni, jew li l-materja tal-parteċipazzjoni tal-attur f'organizzazzjoni kriminali u bħala persuna li taħdem mal-Mafia, kienet diġa' ġiet ippubblikata jew kienet qed tiġi diskussa fil-midja. Lanqas jirriżulta li kien hemm, per eżempju, kontroversja pubblika għaddejja dwar ir-rwol tal-attur fil-kriminalita' organizzata u kif jaqdi l-interessi tal-Mafia[21], li seta' jipprovdi sfond relevanti li jikkontribwixxi għat-tnissil ta' inferenza illi l-passi li ttieħdu biex tinġabar u tiġi pubblikata l-informazzjoni, kienu responsabbli.

---

[19] Is-subartikolu (4) tal-artikolu 5 tal-Att jipprovdi li fid-deċiżjoni dwar jekk kienx raġonevoli għall-konvenut li jemmen li l-pubblikazzjoni ta' dik id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment kienet fl-interess pubbliku, il-Qorti għandha tippermetti ġudizzju editorjali.

[20] Per Lord Mance – Gatley 15.7 ("*Inclusion of the material complained of*") p. 647.

[21] Il-pubblikazzjonjiet esebiti mill-konvenut juru li fit-12 ta' Diċembru 2020 www.lovinmalta.com ippubblikat artikolu intestat 'Lecturer-blogger: 'I'm not being paid by Yorgen Fenech or his mother' u, in segwitu għall-artikolu ippubblikat mill-konvenut fit-13 ta' Mejju 2023, impunjat f'din il-kawża, ġie pubblikat artikolu minn Manuel Delia ('Unreasonable Doubt'). Iżda ebda wieħed minn dawn il-pubblikazzjonijiet ma jagħmlu xi aċċenn għall-Mafia jew kriminalita' organizzata.

Barra minn hekk, għalkemm jingħad illi fl-istħarriġ dwar it-tieni rekwiżit għas-suċċess tad-difiża tal-pubblikazzjoni dwar materjal ta' interess pubbliku: "*the truth or falsity of the allegation complained of is not one of the relevant circumstances* [of the reasonable belief test]"[22], fil-każ in diżamina ma hemm xejn x'juri li l-konvenut ħa xi passi biex jivverifika l-verita' tal-istqarrija in diżamina. Għall-kuntrarju, huwa evidenti li din hija l-fehma tiegħu kif ibbażat fuq l-istqarrija tiegħu stess li l-attur kien imħallas minn Patricia Fenech jew xi ħaddieħor għan-nom ta' Yorgen Fenech biex jippubblika stejjer li jimminaw il-prosekuzzjoni ta' Yorgen Fenech bħala kompliċi fl-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia.

Għalhekk, minn perspettiva oġġettiva, id-deċiżjoni tal-konvenut li jippubblika l-allegazjoni dwar il-parteċipazzjoni tal-attur f'organizzazzjoni kriminali ma jidhrix li tissodisfa l-kriterju tal-ġornaliżmu responsabbli.

Anke mil-lat soġġettiv tat-tieni kriterju tad-difiża taħt l-artikolu 5 tal-Att, il-Qorti wara li rat l-atti u l-provi, hija tal-fehma illi fl-assjem tal-fatturi kollha appena kkunsidrati, il-konvenut ma setax raġjonevolment jemmen l-pubblikazzjoni tal-istqarrijiet tal-konvenut, impunjati mill-attur, kienet dwar materja ta' interess pubbliku.

Għaldaqstant, ir-raba' eċċezzjoni fir-risposta tal-konvenut m'hijiex mistħoqqa u ma tistax tintlaqa'.

Ikkunsidrat;

---

[22] **Economou v. De Freitas** (2016) EWHC 1853 (QB). Ġie ritenut ukoll: "*It is not necessary or relevant to determine whether the publication was true or not. None of Lord Nicholls 10 considerations require such a determination and some of them (for example number 8), positively suggest otherwise.*" – **GKR Karate (UK) Ltd v. Yorkshire Post Newspapers Ltd** (2001) 1 WL 2571 at 2578-2579.

Il-konvenut jeċċepixxi fit-tieni eċċezzjoni, id-difiża tal-opinjoni onesta filwaqt li fit-tielet eċċezzjoni, jeċċepixxi li l-pubblikazzjoni impunjata tammonta għal "*fair comment*".

Il-Qorti tibda biex tosserva illi d-difiża ta' *fair comment* ma kienetx kontemplata espressament fil-Liġi dwar l-Istampa (Kap. 248), iżda kienet rikonoxxuta u msawra mill-ġurisprudenza. Għalkemm din id-difiża ma tissemmiex lanqas fl-Att dwar il-Midja u l-Malafama (Kap. 579)[23], ġiet, minflok, kodifikata statutorjament bħala d-difiża tal-"*opinjoni onesta*"[24] u tinsab regolata mill-istess kriterji identiċi li jsawru d-difiza magħrufa bħala *honest opinion* fid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 3 tad-Defamation Act (UK) 2013. Iżda għalkemm huma applikabbli għal din id-difiża kriterji iktar wiesa' minn dawk li kienu ġew żviluppati mill-ġurisprudenza għas-suċċess tad-difiża tal-*fair comment*[25] – naturalment bil-għan li jkompli jiġi aġevolat il-liberta' tal-espressjoni - hu ovvju illi d-difiża tal-opinjoni onesta effettivament tirrappreżenta fis-sostanza dik li qabel kienet tissejjaħ *fair comment.*[26]

Għalhekk il-Qorti taqbel mal-argoment tal-attur u tqis illi l-opinjoni onesta ma għandhiex titqies bħallikieku hija xi kunċett novell li jikkostitwixxi difiża sostantivament differenti minn dik tal-kumment ġust u għalhekk jinħtieġ li l-eċċezzjoni ta' "*fair comment"* sollevat mill-konvenut fir-Risposta tiegħu, tiġi trattata bħala eċċezzjoni ta' opinjoni onesta a tenur tal-Artikolu 4(2) tal-Att.

Illi biex tiġi sollevata b'suċċess id-difiża tal-opinjoni onesta, irid jintwera illi d-dikjarazzjoni li dwarha tkun saret l-ilment, hija dikjarazzjni ta' opinjoni.

Jinsab ritenut illi:-

---

[23] Minn hawn 'il quddiem imsejjha "l-Att".

[24] Artikolu 4(2) tal-Kap. 579.

[25] Diversament mill-fair comment, l-opinjoni onesta tista' tiġi mqajma bħala difiża anke jekk il-kumment impunjat ma jkunx sar dwar materja ta' interess pubbliku ġenerali.

[26] Collins jgħid hekk fir-rigward tad-difiża ta' "*honest opinion*":- "*... the common law defence of fair comment has been abolished .... and* ***replaced with a statutory defence of honest opinion that is intended for the most part to reflect the common law****.*"[26] [enfasi tal-Qorti]

"*A statement might be either a statement of fact or an expression of opinion depending on the context. The form in which the statement appeared and the style adopted by the publisher will often be decisive.*

...

*Some assertions of fact may be defended as expressions of opinion, **if they are in the nature of deductions of conclusions arrived at by the publisher from other facts which are sufficiently stated or indicated**, where it will be obvious to the reasonable person that the publisher could not have had direct knowledge of the matter stated and must have been expressing a view or inference*"[27] [enfasi tal-Qorti]

Il-Qorti tqis li l-istqarrijiet impunjati f'din il-kawża, meħudin fl-assjem tagħhom, jikkonsistu fl-allegazzjoni li l-attur jitħallas minn organizzazzjoni kriminali biex jippubblika diżinformazzjoni li jibbenefika minnha Yorgen Fenech u l-konsegwenti stqarrija li b'hekk, l-istess attur jaqdi l-interessi tal-Mafia u jifforma parti f'organizzazzjoni krimunża.

Ġie ritenut illi jekk l-imħarrek f'azzjoni għal malafama: "*sets out the facts correctly, and then gives his inference, stating it as his inference from those facts, such inference will as a rule, be deemed to be comment*".[28]

Ukoll, anke jekk id-dikjarazzjoni impunjata fiha inferenza dwar fatt diffamatorju, "*as an inference of fact is a form of opinion, this would be encompassed by the defence*".[29]

Applikat dan għall-istqarrijiet impunjati meħudin komplessivament, il-Qorti tqis illi d-dikjarazzjonijiet li saru mill-konvenut fil-pubblikazzjoni mertu tal-azzjoni, fejn l-

[27] Collins, 9.12 p. 192.

[28] **Kemsley v. Foot** (1952) AC 345 at 357 (citat f'Duncan & Neill 13.13)

[29] Explanatory notes to Defamation Act (UK) 2013, para. 21.

ewwel għamel imputazzjonijiet ta' kondotta speċifika fil-konfront tal-attur[30], u mbagħad abbażi tagħhom inferixxa li l-istess attur huwa "[a] *servant of an organised criminal group*" u "*working for the Mafia*", għandhom jitqiesu bħala dikjarazzjonijiet ta' opinjoni għall-fini tal-artikolu 4(2)(a) tal-Kap. 579, u mhux stqarrijiet ta' fatt, li jfisser li d-difiża tal-opinjoni onesta hija opponibbli għall-azzjoni.

Huwa ppruvat ukoll, għall-fini tal-artikolu 4(5) tal-Att, li l-attur huwa persuna pubblika għaliex huwa akkademiku u professjonist li jipprattika wkoll is-sengħa ta' artikolist li jmexxi *blog* fejn jippubblika fuq bażi regolari artikoli b'tema kriminali, speċifikatament b'rabta mal-proċeduri kriminali kontra Yorgen Fenech (akkużat bl-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia). Tabilħaqq ukoll, il-fatti attribwiti lilu jirreferu għall-pubblikazzjonijiet fuq il-*blog* tiegħu u l-professjoni tiegħu ta' lettur tal-Istorja fl-Universita' ta' Malta[31]. Għalhekk, l-azzjoni hija opponibbli bid-difiża tal-opinjoni onesta.

Irid jintwera wkoll, skont il-paragrafu (b) tal-artikolu 4(2) tal-Att, illi d-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment indikat, kemm f'termini ġenerali jew speċifiċi, il-bażi tal-opinjoni, ċioe' il-fatti li fuqhom il-kumment ikun ibbażat. Dan ir-rekwiżit huwa marbut intrinsikalment mar-rekwiżit illi l-fatti li jinġiebu in sostenn tal-kumment iridu jkunu veri jew ibbażati fuq dikjarazzjonijiet privileġġati. Fin-nuqqas jew insuffiċjenza tal-indikazzjoni fil-pubblikazzjoni impunjata nnifisha, tal-bażi tad-dikjarazzjoni jew il-fatti li jissostanzjawh, il-qarrej ikun propens li jirrifjuta l-inferenza li titnissel mid-dikjarazzjoni.

Huwa evidenti minn qari ħafif tal-istqarrijiet impunjati fl-assjem tagħhom, illi d-dikjarazzjoni tal-konvenut illi huwa jqis li l-attur jaħdem mal-Mafia u jaqdi lill-grupp ta' kriminalita' organizzata, hija bbażata fuq l-istqarrija tiegħu li huwa tħallas minn omm Yorgen Fenech biex ixerred diżinformazzjoni li jibbenefika minnha l-istess Yorgen Fenech.

[30] Li jikseb l-informazzjoni allegatament inveritiera mingħand Patricia Fenech u jirċievi ħlas mingħandha biex jippubblika artikoli favur Yorgen Fenech.
[31] Artikolu 4(5)(ċ) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama.

Biex jirnexxi f’din id-difiża, il-konvenut jeħtieġlu jipprova, addizzjonalment, illi persuna onesta setgħet ikollha dik l-opinjoni abbażi ta’ –

(i) kwalunkwe fatt li **eżista fiż-żmien** li fih id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment kienet ippubblikata; jew

(ii) kull ħaġa affermata bħala fatt f’dikjarazzjoni privileġġjata ppubblikata **qabel** id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment. (enfasi tal-Qorti)

Dan ifisser illi l-konvenut jeħtieġlu juri li jkun eżista xi fatt indipendenti fiż-żmien tal-pubblikazzjoni – b’wieħed mill-mezzi msemmija fil-paragrafi (i) jew (ii) tal-artikolu 4(2)(ċ) tal-Att - li abbażi tiegħu persuna onesta setgħet qablet mal-espressjoni tad-dikjarazzjoni fil-pubblikazzjoni tiegħu[32]. Mhux meħtieġ li l-konvenut jipprova l-verita` sostanzjali ta’ **kull** allegazzjoni ta’ fatt li fuqha tinsab imsejsa l-opinjoni, **basta jagħti sostenn fattwali suffiċjenti lill-imputazzjoni, f’dan il-każ, li l-attur jaħdem mal-Mafia u jifforma parti minn organizzazzjoni kriminuża.**

Il-konvenut, meta jiġi biex jissodisfa l-kriterju tal-prova tal-fatti eżistenti li jissostanzjaw l-opinjoni (taħt il-paragrafu (i) tal-artikolu 4(2)(a) tal-Att), m’huwiex ristrett biss għal dawk il-fatti li ġew imsemmija jew indikati fil-pubblikazzjoni impunjata bħala l-bażi tal-opinjoni, u jista’ jressaq prova ta’ kwalunkwe fatt li eżista fiż-żmien tal-pubblikazzjoni mingħajr limitazzjoni (anke dawk il-fatti li ma kienx jaf bihom speċifikatament fiż-żmien tal-pubblikazzjoni, għaliex dan mhuwiex wieħed mir-rekwiżiti msemmija fil-liġi għas-suċċess tad-difiża).

Fir-rigward ta’ stqarrijiet affermati bħala fatt f’pubblikazzjonijiet privileġġjati (li jirrientraw fid-definizzjoni ta’ pubblikazzjoni privileġġjata taħt id-dispożizzjonijiet

[32] Din il-fehma Collins jibbażaha fuq il-premessa li:- “*The section 3 defence* [l-ekwivalenti tal-Artikolu 4(2) tal-Att) ... *liberalizes the law quite radically. It will seemingly be open to defendants, in order to establish the third condition for the operation of the defence, to fish around for facts, or matters asserted to be facts in privileged statements, even if those facts or matters were not known to them at the time they expressed their opinions ...*” – Collins On Defamation, *supra* 9.32 p. 198.

tal-artikolu 4(2)(ċ)(ii) u l-artikolu 4(4) tal-Att) ippubblikati qabel l-istqarrija impunjata, għandu jiġi ppreċiżat illi huwa immaterjali jekk l-istqarrijiet ta' fatt humiex korretti jew veritieri.

Kif diġa' ġie stabbilit qabel, l-imputazzjoni diffamatorja impunjata mill-attur f'din l-azzjoni, m'hijiex imfassla f'termini ta' suspett jew probabbilita', iżda hija imputazzjoni speċifika li ma tħalli ebda lok għal xi dubju dwar il-fehma tal-konvenut li l-attur jifforma materjalment parti mill-Mafia u jaqdi l-interessi ta' organizzazzjoni kriminuża. Kemm hu hekk, il-konvenut afferma dan fix-xhieda tiegħu, fejn irribadixxa bla tlaqliq li l-attur huwa parti minn organizzazzjoni kriminali u huwa mħallas minn din l-organizzazzjoni kriminali. "*Tkun membru tagħha anke grazzi għat-tip ta' relazzjonijiet li għandek, kif tirrejaġixxi* ***ma' dawn in-nies*** *u x'tipi ta' obbligi u servizzi tagħmel u toffri lil din l-organizzazzjoni.*"[33] (enfasi tal-Qorti)

Minn dan jikkonsegwi - u f'kull każ huwa wkoll evidenti minn qari tal-pubblikazzjoni impunjata fl-intier tagħha - illi l-imputazzjoni illi l-attur b'xi mod – f'dan il-każ permezz tal-pubblikazzjonijiet fuq il-*blog* tiegħu - qed jaqdi u jaħdem ma' organizzazzjoni kriminali u jifforma parti mill-Mafia, hija marbuta b'mod intrinsiku mal-istqarrija tal-konvenut li l-artikoli ppubblikati mill-attur jikkostitwixxu kampanja ta' diżinformazzjoni li sservi l-interessi ta' Yorgen Fenech. Il-qarrej malajr jintebaħ illi r-riferenza għal 'Mafia' u 'organizzazzjoni kriminali' fil-pubblikazzjoni hija kjarament riferenza għal ħadd ħlief għal Yorgen Fenech. Din il-konklużjoni tinsilet mill-istqarrija tal-konvenut, fil-pubblikazzjoni impunjata, illi fost il-materji ewlenin trattati fl-artikoli pubblikati fil-*blog* tal-attur, wieħed isib it-tema rikorrenti li l-familja ta' Daphne Caruana Galizia u l-Freemasons kellhom x'jaqsmu mal-qtil tal-istess Daphne Caruana Galizia, liema teoriji l-konvenut iqishom bħala diżinformazzjoni li jservi lil Yorgen Fenech u minnufih wara, il-konvenut jgħaddi biex jiddikjara li attur jaħdem għall-Mafia u jaqdi l-interessi ta' din l-organizzazzjoni kriminali. Din il-konklużjoni hija msaħħa ulterjorment mid-dikjarazzjoni tal-konvenut fl-Affidavit

[33] Il-konvenut xehed illi l-attur, bil-kitbiet tiegħu: "*kien qiegħed jipprovoka narrattiva partikolari illi hija ċara ħafna, qed jiddefendi u jaqbeż għal Yorgen Fenech*" u dan "*b'mod konsistenti, itambar u jirrepeti din in-narrattiva b'mod differenti.*"

tiegħu li l-attur: "***qiegħed fis-servizz ta' kriminal***", liema stqarrija l-konvenut jikkontendi li tirrappreżenta l-opinjoni onesta tiegħu.

Li għandha tindaga l-Qorti għall-fini tad-difiża tal-opinjoni onesta, hija jekk din l-opinjoni tal-konvenut - ċioe' li l-attur, billi jaqdi l-interessi ta' Yorgen Fenech bil-kampanja tiegħu ta' diżinformazzjoni, qiegħed b'hekk ukoll jaqdi u jaħdem ma' grupp ta' kriminalita' organizzata - tistax titqies bħala waħda onesta skont il-liġi. Dan billi tistabbilixxi jekk il-fehma li bil-kitbiet tiegħu favur Yorgen Fenech u l-allegat diżinformazzjoni dwar min seta' qatel lil Daphne Caruana Galizia, l-attur huwa l-qaddej ta' organizzazzjoni kriminali jew il-Mafia, hijiex opinjoni li persuna onesta u raġjonevoli setgħet ikollha abbażi ta' fatti eżistenti fiż-żmien tal-pubblikazzjoni u jew stqarrijiet affermati bħala fatt f'pubblikazzjonijiet privileġġjati pubblikati qabel l-istqarrija impunjata bħala malafamanti.

**Biex il-Qorti tasal biex tqis lill-opinjoni tal-konvenut bħala opinjoni ta' persuna onesta, trid tistabbilixxi abbażi tal-provi prodotti li fiż-żmien tal-pubblikazzjoni impunjata kienu jeżistu fatti, jew ħaġa affermata bħala fatt f'dikjarazzjonijiet privileġġjati, li abbażi tagħhom persuna onesta jista' jkollha l-fehma illi Yorgen Fenech huwa kriminal u jirrappreżenta organizzazzjoni kriminali u l-Mafia, u li meta l-attur jippubblika fil-*blog* tiegħu kitbiet li jagħtu x'jifhem li jiddefendu l-pożizzjoni ta' Yorgen Fenech b'rabta mal-prosekuzzjoni tiegħu għall-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia, qed jaqdi l-interessi ta' grupp ta' kriminalita' organizzata.**

Bħala fatti mhux kontestati jew li huma stabbiliti mill-provi proċesswali, insibu biss il-fatt notorju illi Yorgen Fenech huwa akkużat b'kompliċita' fl-omiċidju ta' Dpahne Caruana Galizia fi proċeduri kriminali li għadhom pendenti, u l-fatt mhux kontestat illi l-attur ippubblika kwantita' sostanzjali ta' artikoli fuq il-*blog* tiegħu intitolat "*Simon Mercieca's Free Press*", bit-tema tal-qtil ta' Daphne Caruana Galizia (Dok. MC5). Il-konvenut irnexxielu juri illi l-attur ippubblika xejn inqas minn mija u sitta u tletin (136) artikolu fis-sena 2021 biss, li b'xi mod jew ieħor jippropagaw l-innoċenza

ta' Yorgen Fenech b'rabta mal-akkuża ta' komplicita' fil-qtil ta' Daphne Caruana Galizia, jew b'xi mod jiskreditaw il-familja tal-vittma - dan billi jimmina l-kondotta u l-evidenza tal-prosekuzzjoni fil-proċeduri kriminali kontra Yorgen Fenech, u jitfa' l-ħtija u l-mottiv tal-omiċidju fuq terzi persuni.

Fost l-artikoli pubblikati mill-konvenut, wieħed isib artikoli intitolati:-

"*Why is Yorgen Fenech not guilty?*"
*"Għaliex jien nitkellem kif nitkellem fuq Yorgen Fenech".*
*"Is-serial numbers tal-hard disks ta' Yorgen Fenech ippreżentati mill-Eurpol kollha ħżiena".*
*"il-gazzetta tal-Knisja għandha titlob apoloġija lil-familja Fenech".*
*"The truth is out – Yorgen Fenech did not want Daphne Caruana Galizi killed".*
*"Yorgen Fenech trial by media".*
*"lovin Malta tippubblika fake news fuq Yorgen Fenech".*
*"Keith Arnaud ikompli bil-ħrafa li Yorgen Fenech jista' jaħrab".*

*"The Degiorgios press-release confirms that the mastermind of Daphne's murder is being protected by the local freemasons".*
*"Simon Cusens did not convince me that freemasons were not involved in the murder of Daphne Caruana Galizia".*
*"Matthew and Peter Caruana Galizia have not yet told us who are the crooks they are protecting and who are the crooks protecting them*".

Il-qarrej ta' dawk l-artikoli u oħrajn fl-istess vena, ippubblikati mill-attur fuq il-*blog* tiegħu, malajr jifhem illi l-awtur / pubblikatur qed iwassal b'intensita' il-messaġġ li Yorgen Fenech m'huwiex ħati tal-qtil ta' Daphne Caruana Galizia.

Minkejja l-pubblikazzjoni ta' dawn l-artikoli kollha, il-Qorti tqis illi l-konvenut ma rnexxilux juri li jeżistu fatti li jagħtu sostenn lill-fehma tiegħu illi Yorgen Fenech u jew il-familja tiegħu huma l-Mafia, jew parti minn grupp ta' kriminalita' organizzata,

wisq inqas il-fehma tiegħu li l-attur qiegħed bil-pubblikazzjonijiet tiegħu, iservi l-interessi ta' kriminalita' organizzata u jaħdem mal-Mafia.

Il-konvenut, biex jirnexxi fid-difiża tal-opinjoni onesta, jeħtieġlu jikkonvinċi lill-Qorti li persuna onesta temmen li Yorgen Fenech essenzjalment jirrappreżenta kriminalita' organizzata. Donnu l-konvenut dehrlu li huwa biżżejjed li jressaq provi biex juri li l-konvenut x'aktarx ġie mħallas minn Patricia Fenech biex jikteb l-artikoli biex jiddefendi lil Yorgen Fenech u jiskredita l-prosekuzzjoni kontrih. Iżda anke jekk għal mument wieħed kellu jaċċetta li l-attur ġie mħallas minn Yorgen Fenech jew xi ħadd ieħor għan-nom tiegħu biex jikteb u jippubblika diżinformazzjoni fuq il-*blog* tiegħu, dan ma jiswa xejn bħala prova li persuna onesta, **abbażi ta' fatti eżistenti fiż-żmien, jew xi stqarrija f'dikjarazzjoni privileġġjata pubblikata qabel, il-pubblikazzjoni impunjata**, setgħet tesprimi l-fehma li Yorgen Fenech huwa kriminal jew jifforma parti minn grupp ta' kriminalita' organizzata. Wisq inqas jiswa bħala bażi tajba għall-formazzjoni ta' opinjoni ta' persuna onesta li l-attur jaħdem mal-Mafia u jaqdi l-interessi ta' grupp ta' kriminalita' organizzata, l-opinjoni tal-konvenut li l-attur x'aktarx ġie mħallas minn Patricia Fenech biex jikteb l-artikoli biex jiddefendi lil Yorgen Fenech u jiskredita l-prosekuzzjoni kontrih.

Bla tlaqliq il-Qorti tgħid illi għajr għall-fatt magħruf b'mod ġenerali li Yorgen Fenech jinsab mixli fi proċeduri kriminali li għadhom pendenti, b'assoċjazzjoni kriminali u kompliċita' fl-omiċidju volontarju ta' Daphne Caruana Galizia, il-konvenut ma seħħlux iġib prova ta' fatti jew dikjarazzjonijiet privileġġjati li abbażi tagħhom persuna onesta tista' tqis lil Yorgen Fenech bħala kriminal, parti mill-Mafia u rappreżentattiv tal-kriminalita' organizzata. Il-provi proċesswali huma kompletament sajma fir-rigward, u l-Qorti ma riskontrat ebda prova ta' fatt fil-proċess li jista' jsawwar f'moħħ persuna onesta l-fehma li l-attur – anke jekk għal mument kellu jiġi aċċettat li kien irċieva xi ħlas mingħand omm Yorgen Fenech biex jippubblika materjal jew

addirittura diżiformazzjoni, favur id-difża ta' binha – b'hekk jaħdem għall-Mafia u l-kriminalita' organizzata[34].

**Kemm hu hekk, biex il-Qorti tgħaddi ġudizzju li f'moħħ persuna onesta Yorgen Fenech huwa ekwiparabbli mal-Mafia u l-kriminalita' organizzata, tkun qiegħda effettivament tiddeċiedi li probabbilment huwa ħati tal-akkuża li kien kompliċi ma' oħrajn fl-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia, u dan meta għadu ma ġiex misjub ħati tal-akkużi. Tkun qed tagħmel dan ukoll mingħajr m'għandha quddiemha xi fatti, jew dikjarazzjonijiet privileġġjati li fihom affermazzjonijiet, li abbażi tagħhom persuna onesta tista' tasal biex temmen li huwa kriminal, wisq inqas li jifforma parti minn organizzazzjoni kriminali.**

**Fuq kollox, il-presunzjoni tal-innoċenza teskludi li din il-fehma tista' titqies bħala waħda ta' persuna onesta, għaliex persuna raġjonevoli u ordinarja taf illi persuna akkużata mhux bil-fors hija ħatja.**

Fid-deċiżjoni fil-każ **Mirror Newspapers Ltd v. Harrison**[35],

"*The ordinary reasonable reader is mindful of the principle that **a person charged with a crime** is presumed innocent until it is proved that he is guilty. Although he knows that many **persons charged with a criminal offence** are ultimately convicted, he is also aware that guilt or innocence is a question to be determined by a court, generally a jury, and that not infrequently, the person charged is acquitted.*" (enfasi ta' din il-Qorti)

Il-presunzjoni tal-innoċenza hija, wara kollox, jedd sagrosant tal-akkużat, imħares mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali.

---

[34] L-istqarrijiet ippubblikati mill-konvenut innifsu ma jiswewx bħala pubblikazzjonijiet privileġġjati – Dok. MC4.

[35] (1982) 149 CLR 293; [1982] HCA 50.

Konformement, mill-provi li għandha quddiemha, il-Qorti ma tistax b'ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni tasal biex tikkonkludi li l-opinjoni li l-attur jaħdem mal-Mafia u jservi l-interessi ta' kriminalita' organizzata hija waħda li jista' jkollha persuna onesta.

Irid jingħad illi l-fatt li l-pubblikazzjoni tista' tassew tirrappreżenta l-opinjoni onesta tal-konvenut f'azzjoni għal malafama, huwa għal kollox irrilevanti għas-suċċess tad-difiża tal-opinjoni onesta taħt l-artikolu 4(2) tal-Att, għaliex il-leġislatur ried li l-kejl ikun il-persuna onesta. Il-kriterju li jrid jiġi sodisfatt huwa l-prova li l-opinjoni impunjata tirrappreżenta mhux il-konvinzjoni onesta tal-pubblikatur jew l-awtur tal-pubblikazzjoni, iżda l-fehma ta' persuna onesta.

Billi ma ġewx sodisfatti l-kriterji għas-suċċess tad-difiża tal-opinjoni onesta, l-eċċezzjoni fit-tielet paragrafu (u għall-istess raġunijiet, ir-raba' eċċezzjoni) ma tistax tiġi milqugħa.

Ikkunsidrat;

Stabbilit illi l-imputazzjoni illi l-attur jaħdem mal-Mafia u jaqdi l-interessi tal-kriminalita' organizzata hija waħda diffamatorja, il-Qorti għall-fini tal-likwidazzjoni tad-danni taħt l-artikolu 11 tal-Att, qieset illi l-imputazzjoni hija waħda ferm gravi għaliex hija imputazzjoni speċifika li l-attur huwa membru ta' organizazzjoni ta' kriminali u qiegħed jitħallas biex iservi l-interessi ta' kriminal – mhux sempliċement imputazzjoni li <u>jeżisti suspett li l-attur jista' jkun membru tal-Mafia jew jista' jkun li qed iservi lil krimnal</u>. Imputazzjoni bħal dik hija waħda ferm gravi li kapaċi jagħmlu ħsara irrimedjabbli lir-reputazzjoni tal-persuna. Tassumi gravita' iktar meta wieħed iqis li l-attur huwa professur tal-Istorja fl-Univsersita' ta' Malta, imħallas biex jgħallem fatti storiċi u għalhekk l-imputazzjoni li huwa membru u jaħdem mal-Mafia u li qed ixerred diżinformazzjoni biex iservi l-interessi ta' grupp ta' kriminalita' organizzata, hi kapaċi toskura l-istima u timmina l-integrita' tiegħu mhux biss fuq livell personali iżda iktar minn hekk fuq livell professsjonali.

Qieset ukoll l-istatus tal pubbliktur li fil-każ in diżamina huwa awtur u pubblikatur stabbilit u allura l-pubblikazzjonjiet tiegħu jitqiesu b'iktar serjeta' u jingħataw iktar affidabbilita' minn pubblikazzjonjiet fuq mezzi tal-midja soċjali minn persuna ordinarja li tippubblika posts fuq il-midja soċjali. Ittieħed kont ukoll tal-fatt li l-konvenut qatt ma offra apoloġija lill-attur iżda fl-istess waqt, ma jistax jitwarrab il-fatt illi kif iddikjara l-attur innifsu fix-xhieda tiegħu, huwa ma ġarrab ebda ħsara attwali jew impatt ekonomiku negattiv b'riżultat tal-pubblikazzjoni impunjata.

**Għal dawn il-motivi filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha fir-Risposta tal-konvenut, tilqa' t-talbiet tal-attur, PROF. SIMON MERCIECA billi tqis illi l-pubblikazzjoni intitolata '*The disinformation campaign of Yorgen Fenech*' ippubblikata mill-konvenut fit-13 ta' Mejju 2023 hija diffamatorja għall-attur u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut MARK CAMILLERI iħallas lill-attur danni morali fis-somma ta' elfejn u ħames mitt Euro (€2,500) bl-ispejjeż jiġu sopportati mill-konvenut.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**